MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2009

Rikors Numru. 556/1996/1

**Kawża Numru 1 (Kost.)**
**Rik. Nru. 556/96JRM**

George **GATT** u Maria Melita Gatt, miżżewġin flimkien; u b'degriet tal-14 ta' April, 2009, il-ġudizzju għadda mill-persuna tar-rikorrent George Gatt għal martu r-rikorrenti Maria Melita Gatt, minħabba l-mewt tar-rikorrent matul iż-żmien li kienet miexja l-kawża

vs

**IL-PRIM MINISTRU** u l-Kummissarju tal-Artijiet

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fis-26 ta’ Settembru, 1996, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, r-rikorrent talbu li l-Qorti (a) tiddikjara li l-proċedura għall-finijiet tal-artikolu 21(2) tal-Kapitolu 199 tal-Liġijiet ta’ Malta tikser id-drittijiet kostituzzjonali ta’ smigħ xieraq u ta’ proprjeta’ u paċifiku pussess tagħhom kif maħsuba rispettivament fl-artikoli 39(2) u 37 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta’ Malta (aktar ’il quddiem imsejħa “l-Kostituzzjoni”) u tal-artikoli 6(1) u 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni (Ewropeja) għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (aktar ’il quddiem imsejħa “il-Konvenzjoni”), u (b) tagħti dawk ir-rimedji kollha meħtieġa u xierqa sabiex jitħarsu jeddijiethom, jekk ikun il-każ magħdud it-tħassir tal-imsemmi artikolu 21(2) tal-Kapitolu 199 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati fit-3 ta’ Ottubru, 1996 li biha laqgħu għat-talbiet tar-rikorrenti billi qalu li t-terminazzjoni tal-kirja tar-raba’ ma hux teħid ta’ proprjeta’ imma biss rifjut ta’ tiġdid tagħha bħala “kontroll ta’ użu ta’ proprjeta’” u mhux it-teħid tagħha, liema kontroll jaqa’ ’l barra mill-applikazzjoni tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u wkoll tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni. Dwar it-talba għat-tħassir tal-artikolu 21(2) tal-Kap 199, laqgħu billi qalu li r-rikorrenti ma kellhom l-ebda interess ġuridiku fit-talba għaliex it-temm tal-kirja fil-każ tagħhom sar għal skop ta’ industrijalizzazzjoni bħala skop pubbliku ċar u fl-interess pubbliku, u dan minbarra li l-aċċess għal qorti m’huwiex dritt assolut u ta’ kull ċirkostanza. F’kull każ, il-liġi tippermetti li l-Qrati jissindakaw jekk teħid ta’ proprjeta’ sarx fl-interess pubbliku jew le u wkoll li jaraw jekk ikunx sar abbuż ta’ poter;

Rat il-verbali kollha tas-smigħ bejn it-8 ta’ Ottubru, 1996 u l-15 ta’ Ottubru, 2008, li bihom u fuq talba tal-avukat tal-intimati, l-kawża kienet titħalla biex tistenna l-eżitu ta’ appell li saq quddiem il-Qorti Kostituzzjonali fl-atti tal-kawża numru 518/95 fl-ismijiet “*Vincent Borġ u b'digriet tal-21 ta' April 2006, stante l-mewt ta' Vincent Borġ fil-mori tal-kawża, il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Angela Borġ mart Vincent, Joseph Borġ, Carmelo Borġ, Anthony Borġ,*

*Francis Borġ, John Borġ u Catherine Schembri mart Dominic vs Onorevoli Prim Ministru u għall-interess li jista' jkollu l-Kummissarju ta' l-Artijiet*";

Rat li l-Qorti Kostituzzjonali tat is-sentenza tagħha fl-imsemmija kawża fil-15 ta' Ottubru, 2008;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula mill-avukati tal-intimati waqt is-smigħ tat-2 ta' Diċembru, 2008[1], li biha issottomettew li fid-dawl tad-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali, l-mertu tal-kawża tal-lum huwa eżawrit;

Rat id-degriet tagħha tal-15 ta' Frar, 2009, li bih tat direttivi lir-rikorrenti dwar l-interess ulterjuri tagħhom fil-kawża;

Rat in-Nota mressqa mir-rikorrenti fil-15 ta' April, 2009[2], li biha iddikjarat li, filwaqt li taqbel li l-mertu tal-kawża huwa eżawrit, hija kien għad fadlilha interess fil-kap tal-ispejjeż;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-avukat tar-rikorrenti waqt is-smigħ tas-17 ta' Ġunju, 2009, dwar il-kwestjoni tal-ispejjeż tal-kawża;

Rat l-atti kollha u kif ukoll is-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' Ottubru, 2008;

Rat id-degriet tagħha tas-17 ta' Ġunju, 2009, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar il-kap tal-ispejjeż;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni biex jinsab li r-rikorrenti ġarrbu ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħhom wara li bis-saħħa ta' Avviż numru 466 [*recte:* 446] li deher fil-ħarġa tal-Gażżetta tal-Gvern tal-11 ta' Lulju, 1995, il-qbiela li huma kellhom fuq biċċa raba' fi Triq Valletta, f'Ħal Luqa kienet intemmet għal skop pubbliku skond l-artikolu 21 tal-Kap 199 tal-Liġijiet ta' Malta. Huma riedu li l-Qorti ssib li dik id-Dikjarazzjoni tal-

[1] Paġ. 59 tal-proċess
[2] Paġ. 67 tal-proċess

President tikser il-jedd tagħhom li jingħataw smigħ xieraq dwar jedd tagħhom quddiem qorti indipendenti u imparzjali, u wkoll tal-jedd tagħhom tad-dgawdija bi kwietha ta' ħwejjeġ fil-pussess tagħhom;

Illi għall-azzjoni tar-rikorrenti, l-intimati laqgħu b'bosta eċċezzjonijiet. Iżda qatt ma tressqu provi f'din il-kawża għaliex sa mill-ewwel smigħ[3] l-avukat tal-intimati iddikjara li billi l-mertu tal-azzjoni tal-lum jixbah lil dak f'kawża oħra ta' natura kostituzzjonali li dak iż-żmien kienet għadha kemm inqatgħet minn din il-Qorti (diversament presjeduta) u minnha kien tressaq appell quddiem l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali, kien jixraq li din il-kawża tistenna l-eżitu ta' dik is-sentenza;

Illi baqa' jsir hekk tassew sakemm ingħatat is-sentenza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' Ottubru, 2008, bis-saħħa ta' liema sentenza dik il-Qorti sabet li tassew li l-artikolu 21(2) tal-Kap 199 tal-Liġijiet ta' Malta jikser il-jedd fundamentali għal aċċess għal qorti imparzjali[4] u wkoll il-jedd għall-ħarsien tal-intimita' tad-dar jew proprjeta' oħra[5];

Illi f'din il-kawża ma tressqux provi mill-partijiet u għalhekk għal dak li jirrigwarda fatti, l-Qorti tista' toqgħod biss fuq dak li jissemma fl-atti li bihom ir-rikorrenti fetħu din il-kawża u dawk li bihom l-intimati laqgħu għat-talbiet;

Illi, madankollu, kien l-istess difensur tal-intimati li, mal-ewwel smigħ wara li kienet ingħatat is-sentenza fuq imsemmija mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali, iddikjara li l-mertu f'din il-kawża kien eżawrit;

Illi fuq l-ispunt ta' dik id-dikjarazzjoni, ir-rikorrenti qegħda tgħid li, filwaqt li tassew li l-mertu huwa eżawrit, l-ispejjeż ta' din il-kawża għandhom jintrefgħu mill-intimati, ladarba dik is-sentenza l-oħra kienet tefgħet il-piż tal-ħlas tal-ispejjeż tal-kawża fuq l-intimati wkoll u kienet sabet li kien tassew seħħ ksur tal-jeddijiet fundamentali tar-rikorrenti f'dik il-kawża l-oħra;

---

[3] Paġ. 12 tal-proċess
[4] Art. 6(1) tal-Konvenzjoni
[5] Art. 38 tal-Kostituzzjoni u 8(1) tal-Konvenzjoni

Illi l-Qorti tat lill-intimati f'din il-kawża l-fakulta' li jressqu sottomissjonijiet dwar il-kap tal-ispejjeż imma naqsu li jagħmlu dan;

Illi l-Qorti qrat ukoll is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' Ottubru, 2008, u ssib li tassew li l-mertu ta' dik il-kawża jixbah lil dak f'din tal-lum u ssib li kieku kellha ssir it-trattazzjoni fil-mertu f'din il-kawża l-eżitu kien se' jkun bħal dak fil-kawża l-oħra msemmija. Kemm hu hekk, fil-kawża l-oħra l-mertu tal-kwestjoni kien ukoll it-temm ta' qbiela fir-rigward ta' raba' ieħor fl-istess inħawi magħmul bl-istess Dikjarazzjoni Presidenzjali li laqtet l-art imqabbla lir-rikorrenti f'din il-kawża. It-talbiet ukoll kienu l-istess bħat-talbiet f'din il-kawża;

Illi għalkemm ir-rikorrenti ma ċedewx formalment it-talbiet tagħhom fil-mertu, l-Qorti ma tħossx li għandha għalfejn toqgħod terġa' ttenni l-istess fehmiet mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fl-imsemmija sentenza. Tqis, madankollu, li l-effetti diretti ta' dik is-sentenza jolqtu direttament il-mertu tal-imsemmija talbiet. Dan jingħad għaliex dik is-sentenza tat il-fehma tagħha dwar l-istess artikolu tal-liġi impunjat mir-rikorrenti, u kif ukoll sabet ma tiswiex l-istess dikjarazzjoni Presidenzjali li nħarġet ukoll fil-konfront tar-rikorrenti f'din il-kawża;

Illi dan ifisser li, fid-dawl tal-kontestazzjonijiet imressqin mill-intimati f'din il-kawża, ir-rikorrenti kellhom kull raġun iressqu din il-kawża biex jitolbu rimedju għall-ilment tagħhom;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tastjeni** milli tqis iżjed l-ewwel u t-tieni talbiet tar-rikorrenti, u dan minħabba li l-mertu tagħhom illum jinsab eżawrit; u

Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, **tordna li l-ispejjeż tal-kawża** jitħallsu mill-intimati flimkien u solidalment bejniethom.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------